# NAGĦTU LILNA NFUSNA

Għadna għaddejjin bil-pandemija. L-Omicron ma jheddidx daqs dak li ġie qablu, imma xorta għadu joqtol. U xħin jgħaddu s-snin, it-tfal tal-lum, xħin ikunu kibru, għal dan iż-żmien se jgħidu li għalih li kien ta' tfixkil, li tellifhom minn bosta opportunitajiet, li ma ħallihomx jaraw l-istess espressjoni faċċjali tal-ħbieb, li ħbiehom wara l-maskra.



L-adulti se jiftakru kemm intilef business, kemm għaddew minn diffikultajiet, kemm intefgħu lura finanzjarjament, kemm kienu mxekklin.

Imma din il-pandemija tatna lezzjoni ta' kif għandna ngħixu. L-ewwel nett tgħallimna li m'aħniex omnipotenti. Għall-kuntrarju rajna kemm aħna fraġli. It-tieni ntbaħna kemm għandna bżonn xulxin. Rajna l-valur ta' nies li huma l-veri eroj tas-sitwazzjoni: dawk li ħadmu sigħat twal u xhur mingħajr vaganza biex isalvaw il-ħajja tal-oħrajn.

Fuq kollox il-pandemija kompliet kixfet il-pjaga tal-inugwaljanza. U din il-firda bejn il-fqir u s-sinjur issarrfet f'sitwazzjonijiet fejn fuq keffa kien hemm dawk li ma naqashom xejn u fuq il-keffa l-oħra għandna sitwazzjonijiet fejn il-fqir tal-pajjiżi fqar ma kellux il-kura medika li kellu bżonn. Kif jgħid Papa Franġisku, "*Inequality is the root of social ills*".

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## AVVIŻI:

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 4 ta' Frar, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Tkun wara l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd imħeġġeġ biex jiġi u jiltaqa' ma' Ġesù.

**IL-LEĠJUN TA' MARIJA:** se jagħmel siegħa Adorazzjoni fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt 5 ta' Frar. Tibda mit-8:15am. Kulħadd hu mistieden.

**GĦALL-MINISTRI TAL-EWKARISTIJA:** il-ġimgħa li għaddiet saret laqgħa importanti għal dawk li jwasslu l-Ewkaristija fid-djar, speċjalment lil tal-familja. Xi wħud ma ġewx għal din il-laqgħa. Fil-laqgħa qassamna librett utli għall-Ministri. Min jixtieq jirċievi kopja tal-librett, jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali u jkellem lill-Arċipriet.

**BEJGĦ TA' ALUMINJU U BRONŻ:** nhar l-Erbgħa li għaddiet il-Parroċċa akkwistat elf, mija u tletin ewro (€1,300.00) mill-bejgħ ta' bottijiet tal-aluminju, ram u bronż. Nirringrazzjaw lill-ħwienet u individwi li jġibu dawn il-metalli. Nirringrazzjaw b'mod speċjali lil dawk li jippreparaw il-materjal kollu u lil Leli Grima li ġentilment joffri t-trasport.



## DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA F'GĦAWDEX

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet għal tfal ġejjin minn skejjel tal-Gvern u minn skejjel indipendenti, li jridu jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja f'Settembru li ġej.

L-applikazzjonijiet iridu jsiru online mill-1 sal-14 ta' Frar, 2022. Biex tapplikaw morru fuq il-websajt: www.knisja.mt u kklikkjaw fuq: Skejjel tal-Knisja.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am